**27 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Maria Felicia Cremona et.

*versus*

Michele Abela et.

**Bejgħ — Simulazzjoni — Rexissjoni.**

B'digriet tal-10 ta' Ottubru 1960 ġie mogħti permess kondizzjonali għall-appell minn din is-sentenza lill-Maestà Tagħha r-Reġina fil-Kunsill Privat; u b'digriet ieħor tal-24 ta' Marzu 1961 ġie mogħti l-permess finali biex isir dak l-appell.

*Jekk il-partijiet f'kuntratt jikkonkjudu apparentement bejgħ, li huma ma riedux, u fil-fatt ma kellhomx intenzjoni li jikkonkjudu kompro-vendita, imma riedu biss joħolqu l-apparenza ta' bejgħ, b'mod li l-apparenti bejjiegħ ma riedx jisvesti ruħu mill-proprjeta' u lanqas l-apparenti xerrej ma ried jakkwista dik il-proprjeta', l-att li sar hu simulat u nterament fittizju bħala komprovendita; u t-talba għar-rexissjoni ta' dak l-att għandha tiġi milqugħa fl-assenza ta' ebda deduzzjoni u provi li verament kien kuntratt ieħor.*

*Għaldaqstant, jekk il-parti l-oħra ma tallegax, u ma tippruvax, illi l-intenzjoni kienet li jsir kuntratt ieħor, per eżempju donazzjoni, anzi tkompli tinsisti li l-kuntratt kien ta' bejgħ, u l-provi juru li bejgħ ma kienx hemm, allura s-simulazzjoni hi assoluta, u l-kuntratt għandu jiġi rexiss.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-11 ta' April 1959, li biha l-atturi, wara li ppremettew li l-imsemmi Joseph Abela, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tas-17 ta' April 1952, iddikjara li qiegħed ibiegħ lill-konvenuti l-villa "Maria Teresa" in kors ta' kostruzzjoni li tinsab fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, Rdum Rxew, bil-prezz ta' £800, li ma tħallasx fuq l-att, suġġetta għall-pagament ta' £11 subċens fis-sena; u li dan il-bejgħ huwa fittizju, bħal ma jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; talbu li jiġi rexiss il-kuntratt fuq imsemmi taħt il-provvedimenti li tagħti l-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1959, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ġie nominat perit legali biex jirrelata jekk il-pretensjoni tal-attriċi għandhiex jew le fondament;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tad-29 ta' Jannar 1960, li biha t-talba tal-attriċi ġiet miċħuda; l-ispejjeż, stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi l-perit legali ssottometta illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda, u dan wara li osserva illi, anki kieku bil-provi li saru kellha tingħata l-aktar interpretazzjoni favorevoli għat-teżi tas-simulazzjoni, jidher aktar verosimili li, jekk qatt kien hemm din is-simulazzjoni, din kienet relattiva, ċjoè ntiża sabiex timmaskera f'kollox jew in parti kuntratt ta' donazzjoni taħt l-apparenza ta' kuntratt ta' bejgħ, u f'din l-ipotesi d-domanda attriċi messha ġiet proposta ben differentement;

Illi, kif jidher mill-atteġġjament tal-atturi, konfermat mid-dikjarazzjoni espliċita tagħhom fin-nota ta' osservazzjonijiet fuq imsemmija, u preċiżament a fol. 123 u 129 tal-proċess, l-istess atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni fuq

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni preżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-11 ta' April 1959, li biha l-atturi, wara li ppremettew li l-imsemmi Joseph Abela, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt tas-17 ta' April 1952, iddikjara li qiegħed ibiegħ lill-konvenuti l-villa "Maria Teresa" in kors ta' kostruzzjoni li tinsab fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, Rdum Rxew, bil-prezz ta' £800, li ma tħallasx fuq l-att, suġġetta għall-pagament ta' £11 subċens fis-sena; u li dan il-bejgħ huwa fittizju, bħal ma jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża; talbu li jiġi rexiss il-kuntratt fuq imsemmi taħt il-provvedimenti li tagħti l-Qorti. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Ġunju 1959, li biha ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ġie nominat perit legali biex jirrelata jekk il-pretensjoni tal-attriċi għandhiex jew le fondament;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-istess Qorti tad-29 ta' Jannar 1960, li biha t-talba tal-attriċi ġiet miċħuda; l-ispejjeż, stante ċ-ċirkustanzi tal-każ, mingħajr taxxa, iżda d-dritt tar-Reġistru jitħallas mill-attriċi; wara li kkunsidrat;

Illi l-perit legali ssottometta illi t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda, u dan wara li osserva illi, anki kieku bil-provi li saru kellha tingħata l-aktar interpretazzjoni favorevoli għat-teżi tas-simulazzjoni, jidher aktar verosimili li, jekk qatt kien hemm din is-simulazzjoni, din kienet relattiva, ċjoè ntiża sabiex timmaskera f'kollox jew in parti kuntratt ta' donazzjoni taħt l-apparenza ta' kuntratt ta' bejgħ, u f'din l-ipotesi d-domanda attriċi messha ġiet proposta ben differentement;

Illi, kif jidher mill-atteġġjament tal-atturi, konfermat mid-dikjarazzjoni espliċita tagħhom fin-nota ta' osservazzjonijiet fuq imsemmija, u preċiżament a fol. 123 u 129 tal-proċess, l-istess atturi qegħdin jibbażaw l-azzjoni fuq

simulazzjoni assoluta, jiġifieri li bil-kuntratt tal-bejgħ "de quo" Joseph Abela u ħutu l-konvenuti mhux biss ma riedux jaddivjenu għall-bejgħ, iżda ma riedu jagħmlu xejn, b'mod li l-kuntratt huwa ineżistenti u null, għaliex nieqes minn kwalunkwe kontenut; u din il-pretensjoni tagħhom l-atturi bbażawha fuq ċirkustanzi emerġenti mill-istess kuntratt, kif ukoll fuq fatti li saru wara;

Fl-imsemmija nota tagħhom l-atturi jiddeżumu din is-simulazzjoni assoluta mill-fatt (1) illi l-villa oġġett tal-kuntratt ġiet deskritta bħala ċkejkna u fil-kors ta' kostruzzjoni, mentri dan ma kienx veru; (2) illi l-bejgħ sar bil-prezz ta' £800, li fil-każ huwa irriżorju; (3) illi dak il-prezz ġie dikjarat bħala ġa mħallas lill-venditur, mentri dan ma setgħax kien,skond iċ-ċirkustanzi riżultati; (4) illi l-bejgħ sar mingħajr ma ġie preċedut mis-soliti trattattivi, u sar saħansitra favur Mary Abela, oħt il-venditur, bla ma din uriet qatt l-intenzjoni li tixtri l-villa in kwistjoni. Wara l-kuntratt mbgħad, ikomplu jirrilevaw l-atturi fl-imsemmija nota tagħhom, il-pretiż venditur (1) baqa' jokkupa parti mill-villa mingħajr ma jħallas kera; (2) baqa' jdaħħal il-kera tal-parti li kienet mikrija lil ħadd ieħor; (3) baqa' jidher hu fir-reġistru tal-Water & Electricity Department, almenu għal ċertu żmien; (4) fil-kuntratt tal-11 ta' Marzu 1958 (fol. 140) huwa ddikjara li l-art li ħa b'ċens minn għand id-ditta "Coleiro Brothers" tikkonfina ma' ġid tiegħu; (5) u x-xogħol li sar tant fil-villa kemm għall-"boat houses" wara l-bejgħ, sar bi flus il-venditur, u mhux tal-konvenuti;

Illi, apparti jekk l-imsemmijin ċirkustanzi jinsabux adegwatament sostanzjati mill-provi, fil-fehma tal-Qorti huma jistgħu jwasslu għall-konklużjoni li l-att impunjat hu affett minn simulazzjoni relattiva, b'mod li l-kontraenti riedu jagħmlu u jikkonkludu xi ħaġa oħra li però riedu talvolta jaħbu taħt l-apparenza ta' kuntratt ta' bejgħ; hekk, per eżempju, donazzjoni simulata. Xejn ma jiswa li Joseph Abela, kif ġie fuq rilevat, wara l-att impunjat indika bħala wieħed mill-konfini tal-art l-oħra li akkwista l-ġid tiegħu; għaliex, apparti l-eżattezza u l-verità ta' dan il-konfini jibqa' dejjem li dik id-dikjarazzjoni saret minnu

b'mod unilaterali, u għalhekk ma tippreġudikax id-drittijet ġa talvolta akkwistati bil-kuntratt "de quo" (Kollez. XXVII-I-394); wisq anqas meta jiġi kunsidrat li l-istess konvenuti, fil-kuntratt li sar fit-13 ta' Settembru 1955 (fol. 159), indikaw bħala wieħed mill-konfini tas-siti fabbrikabbli minnhom trasferiti l-ġid lilhom appartenenti, apparentement il-villa in kwistjoni. Lanqas jista' jwassal għassimulazzjoni assoluta l-fatt li l-kawża kontra Carmelo Zammit għar-riparazzjoni tal-bjut tal-villa saret mill-venditur Joseph Abela wara l-kuntratt impunjat; u dan għaliex kollox sar bi ftehim u bil-kunsens anki tal-konvenuti, billi kien Joseph Abela li kien ittratta ma' Zammit u kien jaf b'kollox; dan il-fatt jista', "inter alia", jammonta legalment għal difett proċedurali li l-konvenuti mhux neċessarjament kienu jafu bih, imma ma jwassalx neċessarjament għas-simulazzjoni assoluta argomentata mill-atturi;

Illi kontra t-teżi tas-simulazzjoni assoluta hija l-ispjegazzjoni mogħtija mill-istess atturi dwar il-"causa simulandi". Huma, fin-nota tagħhom fol. 128, issottomettew illi "il-motiv tas-simulazzjoni jinsab espress fiċ-ċitazzjoni (recte fid-dikjarazzjoni annessa magħha), fejn jingħad li Joseph Abela għex dejjem separat mill-atturi martu u bintu, mindu din tal-aħħar kellha ftit xhur, u illi huwa kellu nteressi u sentimenti opposti għad-doveri tiegħu ta' raġel miżżewweġ u ta' missier doverus; u fil-waqt li ma riedx jippriva ruħu f'ħajtu mill-proprjetà tiegħu, ma riedx lanqas li martu u bintu jibbenefikaw ruħhom minn din il-proprjetà wara mewtu"; jiġifieri li hu ried jibbenefika bit-trasferiment impunjat lill-ħutu a preġudizzju tal-atturi; b'hekk però huwa wera li hu ma riedx jagħmel ħaġa provviżorja, iżda ħaġa definittiva, b'mod li wara mewtu ma jistgħux jinnewtralizzawha proprju dawk li huwa ried jippriva mill-proprjetà in kwistjoni; diversament, kieku, kif isostnu l-atturi, il-kuntratt jinsab affett minn simulazzjoni assoluta, l-iskop minnhom attribwit lil Joseph Abela ma kienx iseħħ, u l-proprjetà kienet tirritorna fil-patrimonju tiegħu; anzi, ġuridikament lanqas kienet qatt tkun ħarġet;

Illi, "rebus sic stantibus", l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li l-kuntratt "de quo" huwa affett minn simulazzjoni assoluta, u għalhekk id-domanda tagħhom, li fuqha tinsab bażata, mhijiex sostenibbli;

Lanqas jista' jingħad illi s-simulazzjoni relattiva tinsab kompriża f'dik id-domanda; għaliex, apparti d-delimitazzjoni ġa magħmula mill-istess atturi, l-oġġett tal-kawża jiġi jitbiddel. Difatti, mentri, kif josserva Butera, "la sentenza che dichiara la simulazione (i.e. assoluta) di un negozio giuridico rende manifesto che l'atto medesimo è inesistente, spoglio di ogni valore giuridico, e quindi improduttivo di qualsiasi effetto, siccome quello che 'colorem habet, substantiam vero nullam', . . . in materia di simulazione relativa il giudice da una parte annulla l'atto simulato, e dall'altra trae in luce il negozio dissimulato" (Simulazione, voce Negozi Giuridici, para. 115, paġ. 373, u para. 119. paġ. 383). U Francesco Ferrara hekk ikompli jirribadixxi dan il-konċett:— "L'azione (i.e. di simulazione relativa) non ha per iscopo di far dichiarare l'inesistenza dell'atto intero, ma di far dichiarare l'inesistenza totale e parziale dell'atto apparente, per vedervi sostituito l'atto vero compiuto dai contraenti, e che essi hanno in quella guisa celato" (Della Simulazione dei Negozi Giuridici. para. 131); Konsegwentement, minħabba din id-diversità taloġġett, mhuwiex leċitu li jiġi nvestit il-meritu fuq il-bażi tas-simulazzjoni relattiva;

Rat in-nota li biha l-attriċi appellaw minn din l-aħħar sentenza, u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li dik is-sentenza tiġi revokata, u t-talba tagħhom tiġi milqugħa; blispejjeż taż-żewġ istanzi;

Rat ir-risposta tal-konvenuti, li biha qalu illi l-aggravji allegati fil-petizzjoni tal-atturi huma infondati, u fl-istess ħin appellaw inċidentalment mill-kap tal-ispejjeż, u talbu li dan il-kap jiġi riformat, billi jiġi ordnat li l-ispejjeż kollha tal-prima istanza (barra dawk tas-sentenza preliminari dwar l-eċċezzioni tal-preskrizzjoni), kif ukoll tal-appell prinċipali u nċidentali, ibatuhom l-atturi;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Fuq l-appell prinċipali;

Is-sentenza appellata sostanzjalment irritenjet illi (1) l-azzjoni tal-atturi hi bażata fuq simulazzjoni assoluta; (2) l-attriċi ma rnexxielhomx jippruvaw din is-simulazzjoni, u għalhekk it-talba tagħhom, li tinsab bażata fuqha, mhix sostenibbli; (3) u in kwantu l-provi jistgħu talvolta juru illi l-kuntratt impunjat jista' jkun affett minn simulazzjoni relattiva, din il-kwistjoni ma tistax tiġi eżaminata fil-kawża preżenti għax mhix kompriża fit-termini taċ ċitazzjoni;

Din il-Qorti taqbel mal-ewwel konklużjoni. It-teżi talatturi hi li l-att ta' bejgħ in kwistjoni kien interament fittizju; il-partijiet ma riedux u qatt ma kellhom intenzjoni li jikkuntrattaw komprovendita, imma riedu biss li joħolqu l-apparenza ta' dan il-kuntratt; b'mod li la l-apparenti bejjiegħ verament ma ried jisvesti ruħu mill-proprjetà, u lanqas l-apparenti xerrejja ma jakkwistaw dik il-proprjetà bis-saħħa tal-att;

Iżda fil-fehma ta' din il-Qorti, kemm il-darba l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi bħala komprovendita l-att impunjat kien tassew fittizju fis-sens fuq imsemmi, it-talba tagħhom għandha tirnexxi fl-assenza ta' ebda deduzzjoni u provi li hu verament kuntratt ieħor;

L-unika ipotesi li tidher possibbli (u li infatti saret mill-Ewwel Onorabbli Qorti) hija illi l-att impunjat jista' taħt l-apparenza ta' bejgħ jaħbi donazzjoni. Iżda l-konvenuti stess li lilhom biss kien jinteressa li jsostnu, sija pure subordinatament, din it-teżi, fil-fatt ma avvanzawhiex; anzi fir-risposta tagħhom għall-petizzjoni komplew innegawha. Huma sostnew, u baqgħu sa l-aħħar isostnu, illi l-att kien komprovendita reali u vera, u dan biss. Huma fl-ebda mument ma ssuġġerew illi, kieku kellu jiġi ritenut illi kienu jonqsu l-elementi u l-intenzjoni tal-komprovendita, b'dan kollu kienu jeżistu l-elementi u l-intenzjoni ta'

kuntratt ieħor, e.g. donazzjoni. Fin-nuqqas ta' ebda deduzzjoni simili da parti tal-konvenuti, il-Qorti jidhrilha illi jekk skond il-provi komprovendita ma kienx hemm, u fl-intenzjoni tal-partijiet fl-att ma kellux ikun hemm, ebda kuntratt ieħor, hu x'inhu, li għall-eżistenza tiegħu kien ikollhom jiġu pruvati minn min għandu nteress l-elementi materjali u ntenzjonali partikulari tiegħu, ma kien kontemplat mill-partijiet, u kwindi huma ma kellhomx ebda ntenzjoni li jivvinkolaw ruħhom verament b'ebda kuntratt. Dak li jfisser illi l-att impunjat hu allura assolutament simulat;

Il-kwistjoni għalhekk tirriduċi ruħha fi kwistjoni talprovi, biex jiġi eżaminat jekk verament komprovendita kienx hemm;

Din il-Qorti, wara li qieset bir-reqqa dawk il-provi, inklużi d-dokumenti prodotti wara l-perizja, hija nklinata li tirritjeni, kif fil-fatt tirritjeni, illi r-risposta għal dak il-kweżit għandha tkun negattiva; u dan wara li żammet tajjeb quddiem għajnejha illi l-piż tal-prova imiss lill-atturi u illi l-prova għandha tkun soda u konvinċenti;

Bl-att impunjat Giuseppe Abela deher li biegħ lill-ħuħ Michele Abela li qal li qiegħed jidher f'ismu u f'isem ħutu Mary Abela u Antonio Abela. Is-supposti xerrejja kienu għalhekk tliet aħwa tas-suppost venditur, li kienu skond il-provi jgħixu flimkien miegħu ġo dar waħda;

Kif qal il-perit legali, il-prezz indikat fl-att jidher b'mod ċar mill-provi illi kien konsiderevolment baxx. Fiżżmien tal-att il-villa, jekk mhux lesta għal kollox, aktarx li kienet ġa abitabbli. Skond il-provi, dak iż-żmien kienu ġa ntefqu fix-xogħolijiet sommom li komplessivament jammontaw għal £2002.18.0. Jekk ma' dawn jiżdied, għallvalutazzjoni ġusta tal-fond trasferit, il-valur tas-sit stess dan l-ammont jikber b'xi £350 oħra. Issa, il-prezz imsemmi fl-att kien ta' £800;

Iċ-ċirkustanzi li fihom il-bejgħ u l-prezz ġew suppost mifthema huma addirittura inkredibbli kieku wieħed kellu

jassumi negozju ġenwin u reali. Il-konvenut Michele Abela xehed quddiem il-perit legali (fol. 99) illi fuq dan il-bejgħ ittratta hu ma' Giuseppe Abela. Il-prezz iffissaħ Giuseppe. Hu qallu li flus ma jagħtiehx għax kellhom flushom għandu, u Giuseppe aċċetta li jitħallas minn dawk il-flus. L-offerta tal-bejgħ minn Giuseppe saret lilu, però hu ppropona li jdaħħal miegħu lill-ħuh Antonio. X'ħin ġew għall-kuntratt, hu ppropona li l-akkwist isir anki minn oħtu Maria, billi din kienet tgħix magħhom u kienet iddur bihom;

Din Maria Abela xehdet (fol. 101) illi hi lanqas biss kienet taf li l-akkwist kien ser isir f'isimha. Saret taf wara li sar il-kuntratt, għax tawha kopja u qratha;

Antonio Abela, fix-xhieda tiegħu fol. 150, qal illi l-prezz tal-villa anqas biss jaf kemm kien, għaliex kien iħalli kollox f'idejn ħutu Michele u Giuseppe, tant li lanqas deher fuq il-kuntratt; intant fix-xhieda tiegħu quddiem il-perit legali (fol. 95) hu qal illi, billi bejn l-aħwa subien kellhom soċjetà bl-isem "Abela Brothers" għax-xogħol tal-port u Giuseppe ma kienx tahom sehemhom mill-profitti, kienu baqgħu li Joseph kellu jittrasferilhom il-villa bil-prezz ta' £800, bil-patt li dawn jeħodhom mill-flus li kellu għandu ta' sehemhom. Antonio Abela żied jgħid illi, għalkemm il-konvenuta Maria Abela ma kellhiex sehem fis-soċjetà, però, billi kienu ħaġa waħda, dehrilhom li kellhom idaħħluha magħhom. Inveċe, kif ġa ntqal, l-idea li Maria tidħol fl-akkwist kienet ta' Michele waħdu, x'ħin ġew għall-kuntratt;

Mela minn dan għandna li Giuseppe Abela, li għal bosta snin suppost li kien jiġbor u jżomm għandu l-profitti ta' soċjetà li kienet tappartjeni lill-aħwa subien kollha, inklużi tnejn li mhumiex fil-kawża, f'daqqa waħda, bla ebda raġuni (għax ebda raġuni ma ġiet allegata), bla ma jitolbu ħadd, minn rajħ jipproponi li jbiegħ villa li kien għadu qiegħed jibni lill-wieħed minn ħutu; il-prezz iffissaħ hu; u jikkuntenta li jikkompensaħ mas-sehem tal-fitti suppost spettanti lill-ħutu. Għad illi l-valur tal-villa dak iż-żmien kien ta' xi £2400 almenu, hu jbiegħha £800,

u l-propost xerrej idaħħal miegħu, bla ma jitolbu ħadd, lil ħuħ ieħor u lill-aħtu — kumbinazzjoni, liż-żewġ ħutu biss li kienu joqgħodu flimkien miegħu u mal-bejjiegħ. Is-subien l-oħra, li suppost kienu wkoll fis-soċjetà, huma mħollija barra;

Wara l-kuntratt, Giuseppe Abela siefer. Il-konvenut Antonio Abela semma dan il-fatt, u, avvolja kien jgħix ma' Giuseppe, qal li ma jafx għalfejn. Naturalment il-Qorti ma tistgħax tagħmel konġetturi fin-nuqqas ta' provi. Kieku però kien jirriżulta illi Giuseppe Abela siefer għal raġunijiet ta' saħħa, dan kien jista' jitfa' ħafna dawl fuq l-operazzjoni. Hi din kif inhi, il-kwadru ta' bejgħ kif prezentat mill-akkwirenti, hu, fil-fehma tal-Qorti, sempliċement irreali;

Il-Qorti anqas temmen li l-prezz, irriżorju kif kien, ġie verament paċut ma' xi ammonti li kellhom jieħdu Michele u Antonio Abela. L-ewwelnett, kieku dan kien tassew dak li kien qiegħed isir bis-serjetà, id-dikjarazzjoni tal-ħlas fil-kuntratt impunjat (fol. 6 tergo) kienet tkun formulata wisq diversament. Fil-kuntratt jingħad illi l-venditur ġa rċieva l-prezz minn għand ix-xerrej, u tiegħu taħ irċevuta.. Kieku l-kuntratt kien reali u l-venditur kien tassew qed jikkompensa l-prezz ma' ammonti ta' profitti ta' ġestjoni ta' soċjetà li l-venditur kellu f'idejħ, hu kien ikollu nteress ċar li jiddikjara. dan il-fatt, preċiżament biex eventwalment ix-xerrejja ma jkunux jistgħu jerġgħu jippretendu dak is-sehem tagħhom tal-profitti. Oltre dan però, għandu jiżdied dan li ġej;

Hija ħaġa addirittura inspjegabbli kif, waqt illi l-konvenut Michele Abela u l-konvenut Antonio Abela kellhom kull wieħed flus il-Bank u flus oħra għal rashom, kull wieħed suppost li ġemmagħhom minn xogħol barrani li kien jagħmel, huma li fis-supposta soċjetà ma kienux jagħmlu xejn, jew ftit wisq, proprju Giuseppe kellu jkun l-uniku wieħed li dak kollu li kellu kellu jkun komuni tat-tlieta. Infatti skond kif xehed Michele (fol. 100), meta Giuseppe miet, proprjetà stabili ma ħalliex ħlief żewġ siti jew tlieta enfitewtiċi, oltre kwota ta' proprjetà mħollija

miz-ziju Publio Debono, suġġetta għall-użufrutt tal-konvenuta Maria Abela. Flus ma ħalliex ħlief £10 u depożitu bankarju ta' xi £14 (fol. 100). Skond din ix-xhieda, mela, meta Giuseppe biegħ il-villa u kkompensa ma' Michele u Antonio dak li huma kellhom jieħdu, Giuseppe ma baqgħalu xejn. Imma din ix-xhieda ta' Michele mhix kompleta, jew aktarx hi nveridika. Infatti, Maria Abela, fix-xhieda tagħha quddiem il-perit legali (fol. 102), qalet illi, oltre l-£10 u l-£14 imsemmija minn Michele, Giuseppe ħalla wkoll tliet libretti tal-Lombard Bank ta' xi £1700, intestati għannom ta' Giuseppe, Michele u Antonio Abela. Michele Abela, fix-xhieda li ta, kif jidher mill-fol. 146, kien ammetta li fost l-affarijiet li ħalla Giuseppe sabu tliet kotba tal-Lombard Bank, wieħed f'isem Giuseppe, wieħed f'ismu, u l-ieħor f'isem Antonio. Dawn id-depożiti saru mill-mejjet. "Qabel ma ddepożita dawn il-flus", żied jgħid Michele, "dawn l-istess flus li poġġa fil-Lombard f'isimna t-tlieta kienu f'Bank ieħor hawn Malta, aktarx in-National, f'ismu biss; u għalhekk, meta ttrasferihom fil-Lombard, għidnilu biex ipoġġihom f'isimna t-tlieta". Mela mhux veru li minn dak li daħħal Giuseppe, suppost għan-nom ta' kulħadd mis-soċjetà, Michele u Antonio qatt ma ħadu xejn; u anqas jista' jkun veru illi l-prezz ta' £800 kellu jirrappreżenta dak kollu li Antonio u Michele kienu jippretendu bħala s-sehem tagħhom mill-profitti tas-soċjetà li suppost ġabar Giuseppe;

Mbgħad hemm din iċ-ċirkustanza l-oħra li fil-fehma tal-Qorti hi elokwentissima. Xehed Joseph Pavia illi darba l-konvenut Michele Abela talbu biex jistaqsi lis-Saċerdot Don Antonio Abela jekk ikunx qed jieħu ġurament falz jekk jgħid bil-ġurament illi l-villa kienet tiegħu. Michele Abela stess ammetta li kien hemm dan id-diskors, u ftakar li Don Antonio kien qallu illi, jekk ma tax flus għall-villa, ikun qed jieħu ġurament falz jekk jgħid illi hi tiegħu; però, jekk ħallas xi flus, ma jkunx qed jieħu ġurament falz jekk jaħlef li l-villa hi tiegħu. Il-Qorti mingħajr ma tidħol fi kwistjonijiet oħra, tissenjala biss illi dan id-dubju jew skruplu ta' kuxjenza da parti ta' Michele Abela ma jidherx spjegabbli kieku tassew si trattava ta' bejgħ ġenwin b'kompensazzjoni tal-prezz ma' ammonti li tassew kienu

dovuti, kif issa qegħdin jgħidu hu stess u l-konvenut Antonio Abela;

Ga ntqal illi ebda raġuni ma ġiet offerta da parti tal-konvenuti, u ma tidher mill-provi, li għaliha Giuseppe Abela seta' u ried ibiegħ lill-konvenuti l-villa in kwistjoni (ħlief, s'intendi, dik li tidher evidenti miċ-ċirkustanzi, illi jeludu d-drittijiet talvolta spettanti lill-atturi);

Il-villa kien għad anqas ma tlestiet minn kollox. Fil-kuntratt intqal hekk:— "Ix-xerrej proprio et nomine jaf x'xogħol laħaq sar fil-villa li qiegħed jixtri, u jassumi li jkompli x-xogħol huwa u ħutu li qiegħed jidher għalihom" (fol. 6 u tergo). Meta xehed Michele Abela, kif jidher fil-fol. 149, hu qal testwalment hekk:— "Meta akkwistajna l-villa ma nafx x'kien hemm lest minnha". Mill-istess xhieda jidher illi, non ostante l-obligu suppost assunt minnu proprio et nomine, li jkomplu x-xogħol huma, ix-xogħol tkompla dejjem minn Giuseppe. "Għall-kontinwazzjoni tal-villa u għall-kostruzzjoni tas-sebgħa 'boat-houses' l-oħra baqa' jieħu ħsieb ħija Giuseppe" (fol. 148). Michele la jaf min kien il-bennej, la l-perit, la l-mastrudaxxa u l-ħaddiema l-oħra, "għax ix-xogħol baqa' jkomplieh Giuseppe" (fol. 149). Antonio Abela xehed li l-ħaddiema li komplew jaħdmu fil-villa ma jafhomx, għaliex "għall-kumplament tax-xogħolijiet ħallejna f'idejn ħija Giuseppe" (fol. 150).

Mhux talli Michele u Antonio ma ħadux ħsieb ix-xogħolijiet kif suppost assumew li jagħmlu, u anqas kienu jafu x'qed isir wara li suppost il-villa saret tagħhom, iżda talli anqas jidher li huma ħallsu xi ħaġa minn tagħhom għal dawk ix-xogħolijiet li saru fil-villa, għad illi xi kontijiet jidhru f'isem Michele. L-ewwelnett, parti mill-kontijiet eżibiti fol. 31-74 jistgħu faċilment jirriferixxu għall-"boat-houses" (garaxxijiet) li Michele Abela jgħid li bena f'ismu u f'isem Antonio fuq sit ieħor li huma ħadu in enfitewsi, kontigwu mal-villa (fol. 98). Quddiem il-perit legali, Michele Abela xehed illi l-"boat-houses", sija ta' quddiem il-villa kemm l-oħrajn, bnihom hu wara l-kuntratt bi flusu (fol. 99), u żied jgħid:— "Il-flus li ħallast biex inbnew il-

"boat-houses" ħadthom mill-flus li kelli mġemmgħin id-dar u l-Barclay's Bank" (fol. 100). Din hi addirittura kontradizzjoni sfaċċata ma' dak li Michele Abela kien xehed fol. 148, fejn qal illi l-"boat-houses" inbnew, u x-xogħol talvilla tkompla, bi flus li kien idaħħal mill-kiri tas-sitt "boathouses" ta' quddiem il-villa, u li hu qatt ma żbanka flus biex iħallas, għax kollox kien f'idejn Giuseppe. Kien biss xi darba jew aktar "li hu ħallas lill-bennej hu stess minn flusu", jiġifieri mhux minn flus li kien taħ ħuħ Giuseppe biex iħallas lill-bennej" (fol. 148). Aktar il-quddiem flistess xhieda Michele Abela reġa' stqarr illi l-villa tkompliet, u nbnew is-seba' "boat houses" l-oħra, mill-flus talkera tas-sitt garaxijiet li hemm quddiem il-villa, u li kienu ta' Giuseppe";

Antonia u Maria Abela, mbgħad, anqas biss jallegaw illi huma ħarġu xi ħaġa minn tagħhom biex tkomplew ixxogħolijiet fil-villa jew fil-"boat houses" ta' quddiemha;

Anki l-kiri baqa' jagħmlu Giuseppe. Michele Abela anqas biss kien jaf min huma l-inkwilini (fol. 149), u anqas jaf kemm swew il-villa u l-"boat houses" (fol. 148);

Dwar il-kera ta' parti mill-villa, li kienet mikrija lillaħwa Pavia, Michele Abela xehed hekk quddiem il-perit legali:— "Il-flus tal-kera . . . (Pavia) kienu jagħtuhom lili, jew kienu jagħtuhom lil ħija Giuseppe, jew lil xi ħadd ieħor, u dawn mbgħad jagħtuhom lili" (fol. 101). Dan hu deċiżament kontraddett l-ewwelnett minn Joseph Pavia, li xehed illi l-kera hu u ħuħ "baqgħu jħallsuħ lil Joseph Abela". Anzi huma anqas biss kienu jafu li Giuseppe Abela kien ittrasferixxa l-villa lil ħadd ieħor, u l-konvenuti qatt ma semmewlhom li kellhom parti mil-villa (fol. 90). Kien biss wara l-mewt ta' Giuseppe illi Pavia l-ewwel darba ħallas il-kera lill-konvenuta Mary Abela (fol. 90). Anki jekk (preżumibbilment wara d-data tal-att) Pavia ġie li għamel xi riċevuti tal-kera f'isem Michele Abela, dan kien evidentement parti mill-"messa in scena" tas-simulazzjoni perpetrata bl-att; għax il-flus kien idaħħalhom Joseph Abela fol. 90);

Fuq dan il-punt, Pavia huwa konfermat, u Michele Abela hu mgiddeb, mill-konvenut Antonio Abela, li xehed illi l-flus tal-kera tal-parti tal-villa mikrija lill-aħwa Pavia, dawn kienu jagħtuhom jew jibgħatuhom ma' xi ħadd, "lil ħija Giuseppe, li kien iżommhom hu" (fol. 98);

Giuseppe Abela, anki wara l-kuntratt, mhux biss baqa' jagħmel kollox hu dwar il-villa, ikompli x-xogħolijiet, iqabbad il-ħaddiema, iħallas għax-xogħolijiet minn kera li kien idaħħal tal-"boat houses", jikri, idaħħal il-flus tal-kera, jokkupa parti mill-villa u l-ġnien, u dan kollu assolutament bla ebda nġerenza jew anki l-iċken tismija tal-konvenuti, iżda talli, anki f'korrispondenza uffiċjali u f'attijiet ġudizzjarji, baqa' jidher hu bħala s-sid;

Fil-kumpless kollu taċ-ċirkustanzi huwa sempliċement inutili illi l-konvenuti jgħidu illi dan kien jagħmlu bil-kunsens tagħhom, jew għax qalulu huma biex jagħmel hekk. Il-verità pależi hi illi Giuseppe Abela kien jaf u jħoss, u l-konvenuti kienu jafu u jammettu, illi, non ostante l-parvenza tal-att, hu kien għadu, kif kien qabel, is-sid veru tal-fond. Bir-rispett kollu għall-Ewwel Onorabbli Qorti, dan l-aħħar indizju tas-simulazzjoni mhux newtralizzat bid-dokumenti fol. 159 u 164, li fil-fehma tal-Qorti ġew eżibiti mhux biex jilluminaw, iżda biex jiżvijaw il-Qorti. Infatti, huwa manifest li dawk id-dokumenti jirriferixxu mhux għall-fond li hu in kwistjoni, iżda għal sit ieħor li, kif ġa ntqal aktar il-fuq, Michele u Antonio Abela kienu ħadu b'enfitewsi b'isimhom;

Mill-bqija, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha bżonn tidħol f'dettalji oħra li setgħu anki jiġu rilevati, konsistenti partikolarment f'kontradizzjonijiet li hemm fix-xhiediet tal-konvenuti, li ġew ġustament rilevati fin-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi fol.. 131 et seq.;

Kontra t-teżi tal-atturi ġie osservat fis-sentenza appellata illi, jekk inhu veru li bil-kuntratt in kwistjoni Joseph Abela ried illi l-atturi, bħala martu u bintu, ma jibbenefikawx mill-proprjetà in kwistjoni wara mewtu, dan juri pjuttost illi hu ma riedx jagħmel ħaġa provviżorja,

iżda ħaġa definittiva, b'mod li wara mewtu ma jkunux jistgħu jinnewtralizżawha proprju dawk li huwa ried jipprivà mill-proprjetà in kwistjoni; diversament, kieku, kif isostnu l-atturi, il-kuntratt jinsab affett minn simulazzjoni assoluta, l-iskop minnhom attribwit lil Joseph Abela ma kienx iseħħ u l-proprjetà kienet tirritorna fil-patrimonju tiegħu, anzi ġuridikament lanqas kienet qatt tkun ħarġet;

Bir-rispett kollu, din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-atturi fil-petizzjoni tagħhom, illi dan l-argument hu għal kollox fallaċi. Jekk huwa veru, kif anki l-konvenuti stess donnhom kienu kostretti li jikkonċedu, illi Joseph Abela u l-konvenuti fil-waqt stess li suppost kienu qegħdin jikkonkludu komprovendita, li skond il-liġi (art. 1397 Kod. Ċiv.) tittrasferixxi mal-kuntratt id-dominju tal-ħaġa flimkien mad-dgawdija u l-pussess tagħha, kellhom il-ħsieb b'dan kollu illi l-ħaġa ma toħroġx verament mid-dominju materjali u mill-pussess u d-dgawdija tagħha da parti talvenditur, allura komprovendita vera u reali ma kienx hemm. Billi kkreaw l-apparenza tagħha, kien skop tagħhom illi wara l-mewt tal-venditur il-konvenuti jibqgħu jidħru bħala s-sidien b'dak it-titolu. Iżda in kwantu din kienet l-intenzjoni, il-kuntratt ma kienx komprovendita, iżda talvolta dispożizzjoni "causa mortis", li ma setgħetx effikaċement issir b'dak il-mezz;

— Kull min jagħmel att simulat (trattandosi almenu ta' nies f'sensihom) jagħmlu bil-ħsieb u bit-tama illi s-simulazzjoni tirnexxi. Kieku kien tajjeb l-argument tal-Ewwel Onorabbli Qorti, kieku ma kien jista' qatt ikun hemm każ ta' simulazzjoni assoluta. L-att simulat sakemm is-simulazzjoni ma tiġix sospettata u pruvata (u min jagħmlu jaħseb u jispera illi dan ma jiġrix), jibqa' jseħħ, u l-parti bis-saħħa tal-apparenza ta' dak l-att jirnexxilha tottieni l-iskop tagħha. "Sino a che l'atto simulato non è legalmente tolto di mezzo desso esiste e produce tutti gli effetti di cui è capace, perchè l'ombra piglia il posto della realtà, il parere si sostituisce all'essere" (Butera, Dell'Azione Pauliana (1934), p. 73);

Il-fatt illi l-partijiet fl-att impunjat setgħu talvolta għażlu mezz ieħor ġenwin u reali li bih kienu jottjenu l-iskop tagħhom ma jisser xejn. Fl-esperjenza tal-ħajja hija korti tajba għall-osservanza u eżekuzzjoni tal-liġi illi, bosta drabi, min jaħseb biex jordixxi evażjoni jew ksur tagħha juża mezzi inidonei, jew bosta drabi jagħmel żbalji talvolta banali, li fortunatament jisfrattaw l-iskop tiegħu;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti hi ta' fehma illi, meta jittieħdu l-provi u l-indizji kollha f'daqqa kif għandhom jittieħdu, l-atturi rnexxielhom jippruvaw illi l-att impunjat kien fittizju;

Fuq-l-appell inċidentali;

Dan l-appell hu limitat għall-ispejjeż, in kwantu li bissentenza appellata l-Ewwel Qorti ordnat illi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li kellhom iħallsuh l-atturi. Il-konvenuti jippretendu illi l-ispejjeż messhom jiġu kollha mwaħħlin lill-atturi;

Issa, in vista tal-konklużjoni raġġunta minn din il-Qorti fuq l-appell prinċipali, huwa ċar illi l-appell inċidentali għandu jiġi milqugħ;

Għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti tiddeċidi billi;

1. Tiċħad l-appell inċidentali tal-konvenuti, bl-ispejjeż kontra tagħhom;

2. Tilqa' l-appell prinċipali tal-atturi, tirrevoka s-sentenza appellata, u tilqa' t-talba tal-atturi fis-sens illi tiddikjara illi l-kuntrat ta' komprovendita mpunjat hu fittizju, u kwindi bla effett; bl-ispejjeż kollha tal-prima istanza u tal-appell kontra l-konvenuti.